

RAPPORT MINN
JOANNE CARUANA

# MINISTRI STRAORDINARJI TAT-TQARBIN (MST)




Il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin huma lajċi li jagħtu s-servizz tagħhom billi jgħinu is-saċerdoti fit-tqassim tal-Ewkaristija. Fil-preżent fil-parroċċa tagħna hawn 22 Ministri Straordinarji tat-Tqarbin.

KULL MST HUWA MARBUT LI JAGĦTI S-SERVIZZ TIEGĦU MAL-QUDDIESA TA' ĦIN PARTIKULARI SKONT IR-ROSTER '*STANDARD*' KEMM FOST IL-ĠIMGĦA U FIL-*WEEKENDS*. META MST MA JKUNX JISTA' JATTENDI, GĦANDU JSIB SOSTITUT SPEĊJALMENT GĦALL-QUDDIES TAL-*WEEKENDS*.









Il-maġġoranza tal-MST jagħmlu dan, imma hemm xi ftit li mhux dejjem isegwu din ir-regola. Idealament fil-quddies tal-*weekends* fejn jattendu ħafna fidili jkun hemm sitta jqarbnu flimkien mas-Saċerdoti. Il-MST huwa ta' għajnuna għas-sacredot u mhux sostitut tiegħu għalhekk MST għandhom jagħtu s-servizz tagħhom fin-nuqqas tan-numru tas-saċerdoti.





**Minbarra waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies, il-MST tal-parroċċa jaqdu b'impenn lill ħuthom morda jew anzjani tal-parroċċa billi jwasslu l-Ewkaristija fid-djar tagħhom biex iqarbnuhom.**

Dan jagħmlu b'imħabba kemm lejn Ġesu' Ewkaristija u kemm b'imħabba lejn ħuthom. Il-morda japprezzaw ħafna dan is-servizz li huwa tant ta' faraġ għalihom peress li ħafna li ma jkunux jistgħu joħorġu mid-dar jkunu mixtieqa ħafna milli jirċievu l-Ewkaristija li ttiehom sustenn.





**L-aħħar laqgħa mmexija mill-Kapillan Dun Walter Cauchi għall-MST kienet fil-5 ta' Novembru. Għal din il-laqgħa attendew kważi l-MST kollha. Ġew infassla *r-rosters* il-ġodda għall-*weekends* u fost il-ġimgħa.**

**Ġew diskussi u klarifikati ċerti punti. Is-sena l-oħra ma sar l-ebda kors mill-Kurja għall-MST imma l-parroċċa għandha set ta' 'Linji Gwida' għall-MST il-ġodda li kienu ġew imħejjija minn Father Keith fuq xiex jimxu.**



Fil-futur meta il-kurja torganizza kors ieħor, MST jiġu mħeġġa biex jattendu. Il-laqgħa mal-Kappillan kienet ta' motivazzjoni akbar biex jiġġedded l-impenn għal MST. Żgur li jkun tajjeb li jkun hemm aktar laqgħat bħal dawn matul is-sena.



KULL MST HUWA NFAKKAR LI GĦANDU JĠIB RUĦU SEWWA KIF JIXRAQ KEMM FIL-KNISJA U KEMM BARRA, KEMM FL-EGĦMIL U KEMM FL-ILBIES; LI JKUN TA' EŻEMPJU TAJJEB U DENJU GĦAS-SERVIZZ LI QED JAGĦTI.

RAPPORT TA' JOANNE CARUANA

GRAZZI



# MINISTRI STRAORDINARJI TAT-TQARBIN (MST)